rufa, imma kienu jaħsbuha ti xi raħal qadim. Il-Għarab ta' dik in-naħa jgħidulha Hirbet Qumran. Għalhekk jien dawn l-erba' kelmiet semmejthom: "Il-kotba ta' Qumran".

Abu Dib.

# MIN KIEN MUĦAMMED

Min jaf kemm il-darba smajthom isemmu lil Mawmettu! B'danakollu aktarx li ma tafx Mawmettu min hu. Għax hawn Malta jinħaseb li Mawmettu hu alla tat-Torok, ħaġa li ma hi minnha xejn. L-ewwelnett, ismu ma kienx Mawmettu, imma Muħammed: igħidulu *Maometto* t-Taljani, għax ilsienhom ma jdurx. U Muħammed ma hux alla tat-Torok, imma l-Profeta l-Kbir tal-Misilmin. Il-Misilmin huma dawk in-nies, ta' liema ġens ikunu, li jistqarru d-Djiena Misilma, kif huma Nsara dawk kollha li jistqarru d-Djiena Nisranija.

Hawn se naraw mela, fuq fuq, il-ġrajjiet ta' dan Muħammed, sabiex dawk fost il-qarrejja li ma jafux jitgħallmu, u jekk isemmu lil Muħammed (mhux Mawmettu) ma jgħidux bluħat. U billi l-Palestina l-aktar li hemm Misilmin, ikunu jafu lil dawn in-nies min kien li waqqfilhom dinhom.

* * *

Muħammed twieled fis-sena 570 wara Kristu, fil-Mekka. Missieru kien jismu Għabd-Allaħ u kien mill-ħamûla jew *razza* tal-Qurajx, u ommu kien jisimha Emîna. Jingħad li missieru miet qabel ma twieled hu, u ommu mietet ukoll meta kien għad għandu sitt snin.

Meta Muħammed safa ltim għal kollox, ħadu jrabbih nannuh, li kien jismu Għad-il-Mutleb. Wara sentejn miet dan ukoll u lit-tifel ħadu miegħu għammu, jiġifieri ħu missieru, li kien jismu Tâleb. Dan ir-raġel kien fqir, għal hekk Muħammed kellu jaħdem biex jgħix. Ta' tifel li kien, kien imur jirgħa n-nagħaġ u l-baqar ta' wieħed qarib tiegħu. Daqs kemm kien iġib ruħu sewwa u jibża' għall-bhejjem, kienu laqqmuh "Il-Emin", jiġifieri *il-fidil*.

Meta Muħammed kiber, daħħlitu jaħdem magħha waħda mara armla li kellha ħafna ġid, li kien jisimha Ħadiġa. Din ħallietlu ġidha f'idejh u kien ġej u sejjer jixtri u jbiegħ, fis-Surija, u b'hekk lil dil-armla żedilha l-ġid. Fis-sena 595 iżżewweġ lil dil-armla, li kienet akbar minnu ħmistax-il sena, u minnha kellu erba' bniet, Żejneb, Roqaja, Ħaltum u Fâtma. Jingħad li f'waħda mis-safriet tiegħu fis-Surija, iltaqa' ma' Raħeb Nisrani li għarrfu d-Din tal-Insara x'kien.

Sa xi tnax il-sena minn meta żżewweġ lil Ħadiġa, il-ħajja ta' Muħammed ma fiha xejn xi tgħid. Imma jingħad li dak iż-żmien kien iħobb jinġabar waħdu u jsum għal jiem sħaħ ġewwa għar f'ġebel għoli, qrib il-Mekka, jgħidulu Ġebel Ħira. Darba waħda, fis-sena 610, ġewwa dak il-għar, Muħammed ra l-Anġlu Grabiel. Kif ingħad wara min-nies li kienu jafu lil Muħammed, l-Anġlu deher quddiemu fil-għar u qallu: "Aqra!" Muħammed wieġbu: "Xi tridni naqra?" Għal dil-kelma l-Anġlu qabdu minn għonqu u kien sa joħonqu, u raġa' tennielu l-amar li kien tah qabel: "Aqra, b'Ism Rabbak illedi ħalaqak. Ħalaq l-ensân minn għalaq. Aqra: wa Rabbak el-karam; elledi għallam bil-qalam.

Għallam lel ensân ma lam jagħlam!" Li tfisser: *Aqra, b'Isem Alla li ħalqek. Li ħalaq il-bniedem minn għoqda demm. Aqra: sidek huwa kerim bil-wisq u li bil-kitba tar-rixa għallem linnies dak li ma kienux jafu.*

Hemm oħrajn li jgħidu li l-Anġlu Grabiel deher lil Muħammed fuq ix-xefaq, u kull fejn Muħammed kien idawwar wiċċu, kien jara l-Anġlu quddiemu. U wara d-dehra, meta mar iddar, beda jisma' f'widnejh min jgħidlu: "Ja Muħammed, jiena l-Qaddej t'Alla u inti r-Rasul t'Alla!" L-ewwel ma qal b'din id-dehra, kienet lil martu Ħadiġa, li emmnitu u baqgħet temmnu sal-aħħar, u għenitu kemm setgħet, wara, fit-tixrid tad-Din il-ġdid.

Barra minn din id-dehra, Muħammed baqa' jara d-dehriet, u wara kull dehra kien jintelaq u jaqbdu d-deni. Meta kien iħoss li ġejja d-dehra, kien igħid lil ta' madwaru: "Għattuni! Għattuni!" U darba kif kien imgħotti, kixfuh u sabuh kollu mxarrab bil-għaraq u aħmar nar.

Wara kull dehra minn dawn, Muħammed ġiegħel lil min jikteb xi taqsima (jew bil-Għarbi, sura) mill-ktieb imqaddes tiegħu, il-Qurân. U l-ewwel taqsimiet tal-Qurân huma sbieħ għall-aħħar u ma tistax taqlibhom sewwa f'lingwi oħra bla ma ttellifhom ħafna mill-ġmiel. Jinstemgħu donnhom għana, u l-ħoss tal-kliem huwa aħrax jew ħelu, kif titlob il-ħaġa li jkunu jfissru (ara l-kliem ta' l-Anġlu bil-Għarbi, kif ġibnieh fuq). Dan il-ġmiel ta' kliem kien raġuni mir-raġunijiet li għalihom il-Qurân xtered bil-ħeffa, għax il-Għarab jissaħħru fuq biċċa qari jew taħdit sabiħ.



**Ix-Xiħ tal-Misilmin fuq il-Mejdna jgħajjat lil sħabu għat-talb u jgħidilhom: "Allaħ hu akbar! Axhdu inn la ilaħa illa Allaħ. Wa Muħammed Rasul Allaħ. Ejjew għala s-sala, ejjew għala l-falaħ!"**

Il-lum magħdud b'ħaġa minna li Muħammed ma riedx iqarraq bin-nies, imma kien jemmen li d-dehriet li kien ikollu kienu dehriet tassew u li l-kliem li kien igħidlu l-Anġlu biex jikteb, kien kliem t'Alla.

Meta Muħammed għaraf li Alla rie-

du jsamma' l-kelma Tiegħu, dil-kelma beda jxandarha, għad li aktarx li ma kellux ħsieb li jagħmel Djiena ġdida. Hu ma kienx jagħmel ħaġa oħra għajr, mimli bil-ħeġġa, itenni l-kliem li minn għalih kien qallu jgħid Alla. Għall-ewwel kien jitkellem biss mal-qraba u l-ħbieb u dawk li kienu jafuh. U Alla li kien isemmi hu, kien dak Alla nnifsu tal-Lhud u ta' l-Insara. Għedna li l-ewwel waħda li emmnet it-tagħlim ta' Muhammed kienet martu Hadiġa. Warajha emmen ukoll bin oħt Muħammed, tifel, li kien ismu Għali. U mbagħad Abu Beker, li sar l-ewwel Ħalifa, jiġifieri ta' wara Muħammed, meta dan miet.

Muħammed beda jxandar 'l Alla-Wieħed fil-beraħ fis-sena 613, u l-ewwel ma bdew jeħduha miegħu fuq daqs hekk, kienu l-qraba tiegħu, tal-ħamûla tal-Qurajx, għax intebħu li jekk Muħammel kien iseħħlu li jġiegħel lill-Għarab jemmnu b'Alla Wieħed, huma kienu jmorru minn taħt u jonqsu-lhom is-saħħa u l-għana li kellhom. Daqs kemm għamlu bl-ikrah għalih u għal dawk li emmnu t-tagħlim tiegħu, li l-ewwel Misilmin, xi mija fil-għadd, kellhom jaħarbu għand l-Insara fl-Abissinja. Dan kien fis-sena 616.

Fis-sena 622 Muħammed ħarab għal Medina, li dak iż-żmien kien jisimha Jatrib. In-nies ta' Jatrib laqgħuh, għax kienu miftehmin miegħu minn qabel. Hemmhekk, id-Djiena l-ġdida ta' Muħammed, minn Djiena maħqura, saret Djiena tal-Ħakma u saret ukoll sies tal-pulitika. U Muħammed ukoll, minn bniedem mgħoddi biż-żmien, beda jsir ġellied u rebbieħ. Hu kien ħarab għal Jatrib wara li ftiehem maż-żewġ ħamuliet kbar li kien fiha u mat-tajfa kbira tal-Lhud li kienu jgħammru hemm. Muħammed wera li kellu għaqal kbir fejn kellha x'taqsam il-pulitka, għax waħda mill-ewwel għemejjel li għamel f'Jatrib kienet li biddel ir-rabta ta' bejn il-Għarab minn rabta tad-demm għal rabta tad-Djiena. Qabel il-Għarab kienu magħquda ħamûla-ħamûla, ta' ftit nies li jkunu qraba ta' xulxin, imma Muħammed ġiegħlhom jirtabtu f'rabta ta' kobor bla qjies, ir-rabta tad-Djiena, jiġifieri, ta' dawk kollha li kienu jemmnu b'Alla Wieħed u bih innifsu bħala Profeta tiegħu. Imbagħad, marbuta hekk flimkien il-Għarab ta' Jatrib bdew il-ġlied mal-qraba u għedewwa ta' Muħammed; in-nies tal-ħamûla ta' Qurajx, li fih qisu dejjem il-Misilmin ħarġu rebbieħa.

Sa hawn ma semmejniex ħlief waħda min-nisa ta' Muħammed. Qabel ma ngħaddu 'l quddiem ngħidu kelma fuq l-oħrajn.

Sakemm damet ħajja Ħadiġa, Muħammed baqa' magħha biss, għax kellu qima kbira lejha u hi kienet tiegħu ħsiebu bħal ommu. Imma Ħadiġa mietet fis-sena 618. Għalhekk Abu Beker, ħabib ta' Muħammed, tah lil bintu bħal mara, li kien għad kellha seba' snin. Muħammed ma ħadhiex mill-ewwel, imma ħallieha sentejn oħra għand ommha. Kien jisimha Għajxa. Matul dawn is-sentejn iżżewweġ mara oħra, armla, imdaħħla fiż-żmien, jisimha Sewda. Imbagħad, kif darba Għajxa kienet tilgħab bil-bandla ma' bniet sħabha, ommha għajtitilha, ħaslitilha wiċċha, maxtitilha, biddlitilha u ħadiha għand Muħammed u żammha. Wara żżewweġ lil Ħafsa, bint Għômar, li kellha 18-il sena. Darba Muħammed daħal għand Żejd (dan meta kien tifel kien waqa' lsir u xtraħ u rabbieħ Muħammed. Kien Nisrani u qaleb Mislem) u ra l-mara ta' dan liebsa mqaċċat, qiegħda taħsel. Kif raha, qal "Il-ħamdu 'l Allah rabb il-għeġûb, li jbiddel il-qulûb!" u telaq jiġri 'l barra. Meta Żejd għaraf li mar-

tu għoġbot lil Muħammed, tellaqha biex iżżewġet lilu. Imbagħad iżżewweġ lil Selma, armla ta' wieħed Abissin. Imbagħad lil mara jisimha Ġwajħra, u oħra jisimha Mejmuna u oħra jisimha Ħabiba. Barra minn dawn kellu tlieta oħra bħala nisa u wkoll qaddejja, li kien jisimhom Safija, Rajħâna u Marija l-Koptija. Dawn kollha kienu romol, barra Għajxa, li kif għedna meta ħadha Muħammed, kellha disa' snin.

Għedna li Muħammed f'Jatrib għaqqad taifa kbira Għarbija li temmen t'Alla-Wieħed. B'din it-tajfa beda jaħbat għall-ġirien li kienu għadhom Pagani (imma ma ħabatx għall-Insara u anqas għal-Lhud, għax kienu jemmnu huma wkoll b'Alla-Wieħed) u ħareġ rebbieħ fuqhom. Fost dawn rebħa kbira kienet dik imsemmija tal-Badar, li saret fis-sena 624. F'din it-taqbida l-Misilmin li kienu 300 biss għelbu 1.000 raġel mill-ħamula tal-Qurajx. Is-sena ta' wara kellhom taqbida oħra msemmija ta' l-Oħod, li fiha l-Misilmin rebħu u tilfu xorta waħda. Fis-sena 627 in-nies ta' Qurajx ħabtu għal Jatrib u għal ftit ma rebħuhiex. Ma ħaduhiex għax il-Misilmin laħqu madwarha ħaffru ħondoq. Imbagħad il-Misilmin ħabtu u għalbu għadd ta' Lhud qarrieqa, fil-masġar li jgħidulu tal-Ħajbar. U fl-aħħar Muħammed rebaħ il-Mekka, li kienet dejjem il-ħsieb ta' moħħu u x-xewqa ta' qalbu. Dan ġara fis-sena 630.

Meta rebaħ il-Mekka, Muħammed, kien fl-ogħla ta' kburitu u kotra kbira ta' nies bdew jemmnu bih u jingħaqdu miegħu. Il-ħbieb ta' Muħammed kellhom il-ħsieb li jibdew gwerra biex jirbħu lin-nies kollha tad-dinja u jġegħluhom isiru Misilmin, imma Muħammed miet fis-sena 632. Miet f'Jatrib, jew il-Medina, rasu f'ħoġor martu Għajxa. Hu u jmut karab karba u qal: "Allâh, ja Allâh". Il-ħtija ta' mewtu kienet aktarx is-semm li waħda Lhudija kienet għamlitlu fil-laħam tal-ħaruf, fil-masġar ta' Ħajbar.

Abu Għabdallaħ.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

El ħamme, għakraba msemme. Bħal bil-Malti, *ħamma,* tfisser *omm il-mara.* Jiġifieri, omm il-mara ma hix ħlief tagħwiha għal żewġha u b'hekk jinqala' l-ġlied fil-familja u l-għelt fost nies id-dar.

Mart il-abb, la tħibb u la tinħabb. Jiġifieri: il-mara tal-missier, u la tħobb 'l ulied il-mara l-oħra anqas wlied il-mara l-oħra ma jħobbu lilha. Qawl qisu dejjem minnu.

Maktub fil-ġenne: U la ħama tħobb 'il kenne; maktub fis-sama: U la kenne tħibb 'il ħama. Ma hux meħtieġ li nfissru dawn iż-żewġt iqwiel bil-Malti, għax jiftiehmu sewwa. Hawn Malta wkoll ngħidu: "Kieku l-imdanna tħobb 'il kenna, l-infern isir ġenna."

Iben id-daje, ma lejh imħabbaje. Jiġifieri: *Għal iben il-qabla, ma hemm xejn moħbi.* Għax ommu hi l-ewwel waħda li tara l-bniedem meta jitwieled, imbagħad meta tmur id-dar tgħid kollox: dak għandu għaddsa hemm, u dak għandu felula hawn, u hekk.

Il-maħsda bejn il-ġiran, u l-bgħid bejn il-qirban. *Il-ġirien jgħiru għal xulxin u l-qraba jobogħdu 'l xulxin.*